**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-17 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawża Numru: 7**

**Rik. Ġur. 1227/2018 RGM**

**Raymond Agius (I.D. No. 132152M) fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' l-assenti minn Malta Dr. Rudi Agius (I.D. No. 8286M)**

**vs.**

**(1) Adrian Attard Trevisan (I.D. 263584M) u**

**(2) AAT Research Limited (C57103) u**

**(3) AAT Medical Limited (C64481)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors maħluf ta' Raymond Agius fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' l-assenti minn Malta, Dr Rudi Agius** ppreżentat fis-7 ta' Diċembru, 2018 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. ILLI preliminarjament, l-esponenti ingħata prokura bħala mandatarju specjali ta' ibnu, l-assenti minn Malta Dr Rudi Agius (ID: 8286M), u dana hekk kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala **Dok. RA.1**;

2. ILLI l-esponenti Dr Rudi Agius għandu dottorat fix-xjenzi u preċiżament fil-Life Sciences, wara illi temm l-istudji tiegħu f'*University College London*;

3. ILLI permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Ġunju, 2015 l-esponenti ġie mpjegat għal żmien indefinit b'effett mill-15 ta' Ġunju, 2015 mas-soċjetà intimata AAT Medical Limited bħala '*Algorithm Researcher*' – u dana ai termini tal-kuntratt anness u eżebit bħala **Dok. RA.2**. Il-"*Job Profile*" illi kien jinkludi d-deskrizzjoni tax-xogħol u d-dmirijiet ta' l-esponenti kien rilaxxjat ftit iżjed minn sena wara, fit-22 ta' Ġunju, 2016 – kopja annessa u mmarkata **Dok. RA.3**.

4. ILLI l-*Managing Director* ta' l-istess soċjetà intimata kien l-intimat Adrian Attard Trevisan, u l-esponenti kien jirraporta lilu direttament kif ukoll lil Kris D'Amato waqt il-qadi ta' l-impieg tiegħu. L-esponenti jirrileva ukoll illi fiż-żmien waqt illi l-esponenti kien għadu mpjegat mas-soċjetà msemmija, l-intimat Attard Trevisan kien qiegħed huwa stess isegwi programm ta' studji għal dottorat (ossija Ph.D.) ma' l-*Universita Degli Studi Di Milano*, l-Italja liema dottorat kien jirrigwardja t-tema tal-fisjoloġija. Sa' dan iż-żmien, l-intimat kien iġib it-titlu ta' "Dr" qabel ismu, u dan għaliex allegatament kien wettaq dottorat ieħor f'xi żmien preċedenti f'xi Universitá fl-Ingilterra;

5. ILLI fil-qadi ta' l-impieg tiegħu, l-esponenti kien joħloq kunċetti u idejat relatati max-xogħol tiegħu, u dana b'mod oriġinali u bil-ħidma tal-kapaċitajiet intellettwali tiegħu esklussivament. Huwa kien jgħarraf lill-esponenti [recte: lill-konvenut] Attard Trevisan b'dan ix-xogħol billi jibgħatlu aġġornamenti regolari dwar dak li jkun ħadem fuqu u l-kunċetti żviluppati minnu – u dana permezz ta' rapporti u *presentations* viżwali u bil-miktub. Dawn il-*presentations* kien fihom mhux biss il-kelma miktuba imma elementi viżwali bħalma huma *diagrams* u *charts* li nħolqu b'mod għal kollox oriġinali bil-ħidma esklussiva ta' l-esponenti. Il-biċċa l-kbira ta' dan ix-xogħol maħluq mill-esponenti kien kontenut f'dokument elettroniku bl-isem "*Seizure Prediction System30_08_2015.pptx*" – kopja ta' liema document huwa anness u mmarkat bħala **Dok. RA.4**;

6. ILLI l-esponenti jisħaq illi x-xogħol imsemmi fil-paragrafu preċedenti kien qiegħed isir kollu fl-ambitu ta' l-impieg tiegħu mas-soċjetá intimata AAT Medical Limited, u għas-soċjetá intimata l-oħra AAT Research Limited; u intenzjonat għall-użu fil-kuntest tal-kummerċ ta' dawk is-soċjetajiet u fl-ebda kuntest, skop jew ambitu ieħor.

7. ILLI lejn l-aħħar tas-sena 2016 l-esponenti skopra illi l-intimat Attard Trevisan kien issottometta t-teżi għad-dottorat tiegħu bit-titlu "*Novel Computational*

*Electroencephalographic Methodologies for Autism Management And Epileptic Seizure Prediction*" (kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. RA.5**), liema teżi ġiet approvata mill-*Universitá Degli Studi Di Milano* u li sussegwentement ikkonferiet id-dottorat fuq l-istess intimat. L-esponenti skopra wkoll illi l-istess teżi kien fiha partijiet estensivi illi kienu kkuppjati direttament mix-xogħol illi kien għamel l-esponenti kif deskritt qabel, u dana mingħajr l-esponenti kien qatt jaf illi xogħolu kien qed jiġi użat b'dan il-mod, u kwindi wisq anqas bil-permess tiegħu. L-istess xogħol, bħalma jirriżulta mit-teżi in kwistjoni ma jirrikonoxxix lill-esponenti fil-lista ta' riferenzi jew biblijografiċi. Anzi, b'intenzjoni qarrieqa għall-aħħar, l-intimat Attard Trevisan inkluda riferenzi għal kollox foloz u ineżistenti sabiex jipprova jaħbi s-sors tal-kontenut ta' dawk il-partijiet tat-teżi illi sfaċċatament seraq mill-esponenti – u dana kif ser jiġi ppruvat ampjament waqt l-andament tal-kawża odjerna;

8. ILLI d-drittijiet ta' l-awtur fir-rigward tax-xogħol imwettaq mill-esponenti kienu jappartjenu esklussivament u limitatament lilu, u la s-soċjetajiet intimati u lanqas l-intimat ma qatt kellhom dritt skond il-liġi u skond il-kuntratt ta' l-impieg fuq imsemmi sabiex jużaw ix-xogħol artistiku u/jew letterarju ta' l-esponenti għal skopijiet 'il hinn mill-impieg ta' l-esponenti mas-soċjetá AAT Medical Limited; u wisq inqas għal skop għal kollox personali bħalma kienu l-istudji u d-dottorat ta' l-intimat Attard Trevisan.

9. ILLI l-esponenti huwa l-propjetarju tad-drittijiet tal-awtur (*copyright*) fix-xogħolijiet hawn fuq imsemmija, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid illi, "*id-drittijiet tal-awtur għandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi*" ("*copyright shall always vest in the author or joint authors*");

10. ILLI ai termini ta' l-Artikolu 24(4) tal-Kap 415, ċessjoni ta' drittijiet tal-awtur u liċenza biex jintgħamel att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat minn drittijiet ta' l-awtur għandu **jseħħ bi ftehim bil-miktub** bejn il-partijiet. Illi dan il-ftehim qatt ma sar bejn il-partijiet, u lanqas ma hu inkluż fil-kuntratt ta' l-impieg ta' l-esponenti, u għalhekk m'hemm l-ebda dubbju illi x-xogħolijiet in kwistjoni huma u dejjem kienu l-proprjeta' tal-esponenti u li l-propjeta' intellettwali fihom tappartjeni esklussivament lill-esponenti;

11. ILLI bl-aġir tiegħu l-intimat Attard Trevisan ikkawża danni serji u irreparabbli lill-esponenti, u dana peress illi r-riċerka mwettqa mill-esponenti ma' tista' qatt tiġi ppublikata minnu stante illi l-intimat Attard Trevisan attribwixxa lilu stess l-idejat oriġinali u x-xogħol letterarju ta' l-esponenti. B'dan l-egħmil qarrieqi ta' l-intimat Attard Trevisan, l-esponenti kien effetivament impedit milli jippubblika xogħolu f'ismu stess, bħalma kellu kull dritt li jagħmel, għaliex ir-riċerka oriġinali tiegħu ġiet irrilaxxjata fis-suq, fost kompetizzjoni ħarxa, u għalhekk ma setgħetx tkompli tiġi kkunsidrata bħala xogħol ġdid, inovattiv u b'element ta' "breaking

ground" fil-materja speċifika tiegħu. Minħabba f'hekk l-intimat sofra danni konsistenti mhux biss fil-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur tiegħu, iżda wkoll danni ta' natura *lucrum cessans,* stante illi l-esponenti ma setax jikkapitalizza l-valur finanzjarju tar-riċerka tiegħu fi qliegħ jew impieg futur – u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' din il-kawża;

12. ILLI s-soċjetajiet intimati għadhom sal-lum jaħdmu u jdaħħlu qliegħ finanzjarju minħabba – u a skapitu ta' – l-idejat u x-xogħol oriġinali ta' l-esponenti, li da parti tiegħu wara illi skopra b'dak illi kien seħħ ad insaputa tiegħu irriżenja mill-impieg tiegħu mas-soċjetá intimata AAT Medical Limited b'effett mit-22 ta' Novembru, 2016.

13. ILLI interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-esponenti permezz ta' ittra uffiċċjali datata 29 ta' Diċembru, 2016 (**Dok. RA.6**), l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

Jgħidu għalhekk l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tiddikjara u tiddieciedi li –

1. L-esponenti Dr Rudi Agius huwa l-awtur ta' x-xogħolijiet inklużi t-test u l-elementi grafiċi tad-dokument "Seizure Prediction System30_08_2015.pptx", u li konsegwentement huwa l-propjetarju tad-drittijiet intelletwali, fosthom tal-*copyright,* tax-xogħolijiet in kwistjoni, skond id-dokumenti **RA.4** inkluż u anness;

2. Tiddikkjara u tiddeċiedi li l-intimat Attard Trevisan, bil-kunsens u l-kompliċita tas-soċjetajiet intimati l-oħra, jew min minnhom, vvjolaw u kissru id-drittijiet ta' propjetà intellettwali tal-istess esponenti bil-pubblikazzjoni tat-teżi bl-isem "*Novel Computational Electroencephalographic Methodologies for Autism Management And Epileptic Seizure Prediction*";

3. Tillikwida d-danni skond il-liġi prevja u jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi mill-Qorti bħala kumpens lill-esponenti bħala propjetarju tal-propjetà intellettwali tax-xogħolijiet letterarji in kwistjoni;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-ħlas tad-danni *ai termini* tal-artikolu 43 *et seq* tal-Kap 415 u tal-artikolu 12 tal-Kap 488 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq għall-kontravvenzjoni tad-drittijiet tiegħu;

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, u li tagħti dawk id-danni addizjonali skond ma l-każ ġustament jeħtieġ.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Adrian Attard Trevisan** ppreżentata fl-20 ta' Frar, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet tal-attur huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi bla ħsara għas-suespost l-esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju, in kwantu li l-użu tax-xogħlijiet li fuqhom l-attur qed jirreklama drittijiet tal-awtur sar mill-esponent bil-kunsens ta' AAT Medical Limited, li kienet u għadha tisħaq illi għandha d-drittijiet kollha fuq l-istess xogħlijiet;

4. Illi bla ħsara għas-suespost ix-xogħlijiet li fuqhom l-attur qed jirreklama drittijiet tal-awtur, u cioe "*presentations (li) kien fihom mhux biss il-kelma miktuba imma elementi viżwali bħalma huma diagrams u charts",* senjatament id-dokument Dok. RA4 anness mar-rikors ġuramentat, ma humiex xogħlijiet protetti taħt il-Kap. 415, in kwantu huma biss riassunt tar-riżultati tax-xogħlijiet, u cioe eżerċizzji, *algorithms* u esperimenti, li tagħhom is-soċjeta AAT Medical Limited hija l-proprjetarja u ta' privattiva ta' AAT Research Limited (ara Dok. AAT1, anness). 'Il fuq minn hekk l-"*elementi viżwali bħalma huma diagrams u charts"* huma sempliċiment ir-riproduzzjoni viżwali ta' tali riżultati frott ta' software ta' terzi (u cioe tal-Microsoft, bl-isem ta' Powerpoint – għalhekk id-dokument elettroniku huwa tal-għamla ".pptx" – ara para. 5 tar-rikors ġuramentat.)

5. Illi bla ħsara għas-suespost ix-xogħlijiet li fuqhom l-attur qed jirreklama drittijiet tal-awtur ma jikkostitwixxux "xogħlijiet letterarji" ai termini tal-Artikolu 2(1) tal-Kap 415, u semmai ma jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 3 tal-istess Kap. 415;

6. Illi bla ħsara għas-suespost l-esponent għamel użu limitat u li ma jledi ebda drittijiet tal-awtur, tax-xogħlijiet li l-attur qed jirreklama drittijiet tal-awtur fuqhom;

7. Illi bla ħsara għas-suespost l-użu li għamel l-esponent tax-xogħlijiet li fuqhom l-attur qed jirreklama drittijiet tal-awtur kien fil-kuntest ta' teżi ta' studju xjentifiku magħmul għall-iskopijiet ta' dottorat, u ma kienx hemm użu kummerċjali tax-xogħlijiet in kwistjoni, u kwindi ukoll dan l-użu mhuwiex impedit mid-drittijiet tal-awtur, jekk tali drittijiet jeżistu fuq ix-xogħlijiet in kwistjoni;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, mhuwiex minnu li l-esponent għamel, jew qed jagħmel qliegħ, mill-użu li għamel tax-xogħlijiet li fuqhom l-attur qed jirreklama drittijiet tal-awtur;

9. Illi bla ħsara għas-suespost dan il-*powerpoint presentation* sar mill-attur bħala parti integrali tal-obbligu tal-attur, in kwantu impjegat, versu min kien jimpjegah – u cioe s-soċjeta AAT Medical Limited, kif inhu rikonoxxut u maqbul mill-attur stess fil-paragrafu 6 tar-rikors ġuramentat tiegħu;

10. Illi bla ħsara għas-suespost dan il-*powerpoint presentation* ma għandu l-ebda valur xjentifiku (altru milli "*breaking ground*"!) jew finanzjarju. Il-valur ekonomiku huwa fil-metodoloġija tal-istudji u fir-riżultati tal-esperimenti u eżerċizzji li saru u li huma l-proprjeta ta' AAT Medical Limited u fil-privattiva ta' AAT Research Limited, u li l- *powerpoint presentation* sempliċiment jagħmel sinteżi tagħhom b'mod grafiku;

11. Illi bla ħsara għas-suespost, l-attur qatt ma seta jagħmel użu minn, jew jippubblika, ix-xogħlijiet li wettaq fl-impjieg tiegħu mas-soċjeta AAT Medical Limited għaliex kien, u jibqa', marbut bl-obbligi ta' kunfidenzjalita ai termini tal-Artikolu 7 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu (Dok. RA.2 anness mar-rikors ġuramentat), kif ukoll l-Artikoli 1124A et seq. tal-Kap. 12, l-Artikolu 6 tal-Kap 589 u d-drittijiet ta' AAT Research Limited fuq il-privattiva tagħha. Isegwi għalhekk illi mhuwiex minnu li l-allegat ikkuppjar tal-*powerpoint presentation* mħejji mill-attur mill-esponent fit-teżi dottorali tiegħu rreka danni lill-attur.

12. Illi bla ħsara għas-suespost, ma jistax jiġi pretiż mill-attur li xogħol imwettaq għal min kien jimpjegah ma jistax jintuża mill-istess soċjeta li kienet timpjegah jew bil-kunsens tagħha, speċjalment f'dan il-kuntest fejn l' hekk imsejjaħ "xogħol letterarju" kien biss riassunt tal-proprjeta (u cioe metodoloġija, eżerċizzji u riżultati) ta' min kien iħaddem lill-attur u l-privattiva ta' AAT Research Limited.

13. Illi l-kawża de quo hija biss u xejn ħlief attentat qarrieqi mill-attur biex jottjeni pagament indebitu mill-esponent billi jipprova jċappas l-isem tal-istess esponent li huwa rikonoxxut bħala pijonier fl-isfera xjentifika fl-istudji li wettaq – atteġġjament libelluż u legalment sanzjonabbli.

GĦALDAQSTANT it-talbiet tal-attur għandhom jiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata tas-soċjetjiet intimati AAT Research Limited (C57103) u AAT Medical Limited (C64481)** ppreżentata fil-21 ta' Frar, 2019, fejn jingħad kif ġej:

**ECCEZZJONIJIET**

1. Illi preliminarjament, t-talbiet ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta' AAT Medical Limited huma preskritti a tenur ta' l-artiklu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta);

2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-soċjetajiet intimati mhumiex legittimi kontraditturi tal-proceduri odjerni, stante illi (i) in kwantu jikkoncerna s-socjeta` AAT Research Limited ir-rikorrent mhuwiex u qatt ma kien impjegat taghha; u (ii) in kwantu jikkoncerna z-zewg socjetajiet intimati, jekk kien hemm ksur tad-drittijiet tal-awtur dan ma sarx minnhom u/jew taht id-direzzjoni taghhom;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-soċjetajiet intimati ma jirrispondux ghal-agir ta' individwi li mhumiex qed jagixxu f'isem u taht id-direzzjoni ta' l-istess soċjetajiet;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jikkoncerna it-tielet, ir-raba u l-hames talbiet tar-rikorrenti, jinghad illi r-ricerka ezegwita mir-rikorrent saret fil-kors ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' AAT Medical Limited u ai termini tal-kuntratt ta' mpjieg tieghu ma' l-istess socjeta'. Ghaldaqstant l-istess socjeta` ghandha kull dritt li taghmel uzu kummercjali minn din ir-ricerka, u dan nonostante l-fatt illi sallum l-istess socjeta` ghadha m'ghamlitx tali uzu, u ghaldaqstant dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda fil-konfront tas-socjetajiet intimati;

5. Illi. minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-soċjetajiet intimati ma wettqu ebda ksur tad-drittijiet tal-awtur ('*copyright*') li r-rikorrent qed jallega li ghandu fuq ir-ricerka de quo;

6. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

i. Is-socjetajiet intimati m'ghandhom ebda kontestazzjoni dwar il kontenut tal-paragrafi (1), (2) u (3) tar-rikors guramentat tar-rikorrent.

ii. Dwar paragrafu (8) is-socjetajiet intimati qieghedin jiddikjaraw illi qatt ma uzaw ir-ricerka tar-rikorrent ghal skopijiet barra minn dawk inkluzi fil-kuntratt ta' mpjieg ta' l-istess rikorrent.

iii. Dwar paragrafi (11) u (12), is-socjetajiet intimati jiddikjaraw illi ma gie kumercalizzat ebda prodott li jirrigwarda l-*epilepsy* u ghalhekk, l-istess socjetajiet intimati m'huma idahhlu ebda qliegh finanzjarju minn ideat u/jew xoghol tar-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2019 il-Qorti ordnat li f'dan l-istadju isir il-ġbir tal-provi limitatament fir-rigward tal-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti;

Rat il-provi kollha li tressqu dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti AAT Research Ltd u AAT Medical Ltd ippreżentata fid-9 ta' Lulju 2019, in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Adrian Attard Trevisan ippreżentata fit-22 ta' Lulju 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fl-4 ta' Settembru 2019 limitatament dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Adrian Attard Trevisan u l-ewwel eċċezzjoni tar-rimanenti konvenuti;

Semgħat it-trattazzjoni orali waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar 2020;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni dwar preskrizzjoni;.

Ikkunsidrat;

**Provi dwar l-Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni.**

Dr. Rudi Agius ġie impjegat b'mod indefinit mis-soċjetà konvenuta AAT Medical Ltd fis-16 ta' Ġunju 2015 bħala Algorithm Researcher bis-saħħa ta' kuntratt ta' impjieg. Il-konvenut Adrian Attard Trevisan kien il-*managing director* tas-soċjetà AAT Medical Ltd u kien għalhekk li Dr. Rudi Agius kien jirrapporta direttament lilu kif ukoll lil ċertu Kristian D'Amato. Apparti li kien *managing director*, s-Sur Attard Trevisan kien qiegħed isegwi programm ta' studju għad-dottorat mal-*Universita degli Studi di Milano* fil-fisjoloġija fejn ir-riċerka fost oħrajn kienet tinkludi t-tbassir ta' aċċessjoni epilettika. Adrian Attard Trevisan kien iqis il-programm ta' studju mal-Università ta' Milan bħala t-tieni dottorat tiegħu.[1]

Mir-rikors promotur jirriżulta li l-ħidma prinċipali ta' Dr. Rudi Agius kienet li joħloq kunċetti u idejat ġodda fir-rigward ta' tbassir ta' aċċessjoni epilettika. Ir-riċerka tiegħu kien jittrażmettiha b'mod regolari lil Adrian Attard Trevisan kemm permezz ta' rapporti, kemm bil-miktub kif ukoll bis-saħħa ta' *presentations* viżwali li kienu jinkludu dijagrammi u *charts*. Kif ikkonfermat fir-risposta ġuramentata tas-soċjetajiet konvenuti, jidher li l-għan tar-riċerka kien għal użu kummerċjali.

[1] Paġna 126 tal-proċess.

Fl-affidavit tiegħu **Dr. Rudi Agius** jispjega li 'F'xi żmien lejn nofs l-2016 fost riċerka li ghamilt sibt lili nnfisi inqabbel fit-teżi ta' dak illi allegatament kien it-tieni dottorat ta' Adrian Attard Trevisan. [...] Peress li nofs din it-teżi kienet fuq 'Epileptic Seizure Prediction', u sa dakinhar qatt ma kont rajt xogħol ta' Adrian Attard Trevisan fuq dan is-suġġett, kont kurjuż biex nara il-kontenut. Hemmhekk kien fejn skoprejt li Adrian Attard Trevisan kien uża il-kontenut ta' waħda mill-presentations tieghi li kont bghattlu bħala 'update' tar-riċerka tiegħi [...]'.[2]

Ir-rikorrent jisħaq li ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 415 huwa l-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur fix-xogħlijiet imsemmija. Jisħaq li l-konvenut Attard Trevisan ma setax jippubblika din ir-riċerka mingħajr qabel jikseb semai permess minn għand l-awtur għal pubblikazzjoni ta' riċerka u kitba minnu magħmula. Kien għalhekk li wara ħafna konsiderazzjonijiet fit-22 ta' Novembru 2016 l-attur irriżenja mill-impieg tiegħu minn mas-soċjeta' attriċi AAT Medical Limited.

Fid-29 ta' Diċembru 2016, Dr. Rudi Agius ippreżenta ittra uffiċċjali indirizzata lil Adrian Attard Trevisan u AAT Research Limited jinterpellahom għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti minnu in segwitu tal-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet intellettwali tal-istess, kif ukoll għal kwalunkwe danni, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*. Peress li ma resqux 'il quddiem l-attur istitwixxa dawn il-proċeduri.

Min-naħa tagħhom, il-konvenuti resqu bħala eċċezzjoni li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta). In sostenn ta' din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom is-soċjetajiet konvenuti isemmu li l-Ittra Uffiċċjali saret biss kontra Adrian Attard Trevisan u AAT Research Ltd. Josservaw ukoll li t-terminu preskrittiv jibda jidekorri min-nofs is-sena 2016 u ċioe meta sar jaf bl-allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur, iżda peress li d-data m'hijiex waħda eżatta, jista' jittieħed it-22 ta' Novembru 2016 (id-data meta riżenja l-konvenut mix-xogħol) bħala data minn meta jibdew jiddekorru s-sentejn. Jisħqu wkoll li ġaladarba l-azzjoni ġiet intavolata fis-7 ta' Diċembru 2018, l-azzjoni hija ċertament preskritta fil-konfront ta' AAT Medical Ltd. Min-naħa tiegħu Adrian Attard Trevisan jissottometti li l-perjodu ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 jibda jiddekorri mid-data li ġiet ippubblikata t-teżi tad-dottorat tiegħu u ċioe mit-2 ta' Diċembru 2015 u dan għaliex hija minn dik il-ġurnata li Dr. Rudi Agius setgħa jsir jaf bid-dannu. Ikompli jgħid li jekk dan l-argument mhux idoneju, u d-data li ser tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti hija minn meta skopra bid-dannu u ċioe min-nofs l-2016, l-azzjoni xorta hija preskritta fil-konfront tiegħu u dan għaliex ir-rikors promotur ġie ppreżentat fis-7 ta' Diċembru 2018. In oltre, Adrian Attard Trevisan jisħaq li l-azzjoni hija preskritta *in ogni caso* fil-konfront tiegħu u dan għaliex għalkemm l-Ittra Uffiċċjali hija ndirizzata lilu, huwa baqa' qatt ma ġie notifikat u lanqas qatt ma ġiet segwieta bil-proċedura taħt l-Artikolu 2130 (1) tal-Kapitolu 16.

---

[2] Paġna 123 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi - Azzjoni Extra-Kontrattwali jew Azzjoni Kontrattwali?**

L-attur qed jitlob dikjarazzjoni li huwa l-awtur ta' x-xogħlijiet inklużi t-test u l-elementi grafiċi tad-dokument "Seizure Prediction System 30_08_2015.pptx" u li konsegwentement huwa l-proprjetarju tad-drittijiet intelletwali fosthom tal-copyright tagħhom; jitlob ukoll dikjarazzjoni illi l-konvenut Adrian Attard Trevisan bil-kompliċita tas-soċjetajiet konvenuti l-oħra illedew id-dritt tal-awtur tiegħu imsemmi u konsegwentement jitlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ai termini ta' l-**Artikolu 43 tal-Kapitolu 415** (Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur) u ta' l-**Artikolu 12 tal-Kapitolu 488** (Att li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta Proprjetà Intellettwali).

Dawn il-provvedimenti legali jipprovdu kif ġej:

**Kap. 415**

**43**. (1) Meta xi ħadd jikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet sui generis fuq xi xogħol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' drittijiet, jiġi kundannat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla għall-ħlas tad-danni jew għall-ħlas ta' penali li tiġi stabbilita skont skala ta' multi li tiġi preskritta mill-Ministru, kif dik il-Qorti, wara li tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, jidhrilha xieraq, u għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet sui generis:

Iżda meta l-konvenut iġib prova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li fiż-żmien tal-kontravvenzjoni ma kienx jaf u ma setgħax ikun raġonevolment mistenni li jkun jaf li kienu jeżistu drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet sui generis fuq ix-xogħol li għalih l-azzjoni tirriferixxi, il-Qorti ma għandhiex tikkundannah għar-restituzzjoni tal-qligħ.

(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' f'azzjoni għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet sui generis filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi kollha u b'mod partikolari l-flagranza tal-kontravvenzjoni u kull benefiċċju li jmur favur il-konvenut minħabba fil-kontravvenzjoni, tagħti dawk id-danni addizzjonali skont ma l-każ partikolari jista' jkun ġustament jeħtieġ.

(3) Il-Qorti tista', barra minn dan, f'kawża istitwita skont dan is-subartikolu, fuq rikors tal-attur, tordna li l-oġġetti kollha kontravvenjenti li jkunu għadhom fil-pussess tal-konvenut jiġu konsenjati lill-attur.

(4) F'kawża dwar kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur relattivi għall-kostruzzjoni ta' bini, ebda mandat ta' inibizzjoni jew ordni ieħor ma għandu jsir:
(a) wara li l-kostruzzjoni ta' bini jkun inbeda, sabiex jimpedih milli jiġi kompletat, jew
(b) sabiex jordna li l-bini, safejn ikun gie kostruwit, jiġi mwaqqa'.

**Kap. 488**

**12**. (1) Il-Qorti għandha wara li jsirilha rikors mill-parti li tkun ġarrbet il-ħsara, tordna lil min ikun qiegħed jikkommetti l-ksur u li jkun, sew xjentement jew għax ikun raġonevolment mistenni li jaf, wettaq xi attività li tinvolvi ksur, iħallas lid-detentur ta' drittijiet danni daqsinsew mal-preġudizzju attwali mġarrab minn dak id-detentur tad-dritt bħala riżultat tal-ksur.

(2) Meta tkun qegħda tistabbilixxi l-ammont ta' danni dovuti, għandu jitqies mill-Qorti kull aspett rilevanti, inklużi l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi kollha li setgħu ġew imġarrba mill-parti li tkun ġarrbet il-ħsara inkluż kull telf ta' profitti, kif ukoll profitt inġust li jkun sar minn min ikun qiegħed jikkommetti l-ksur u, skont ma tqis li jkun adatt, elementi oħra, bħalma huma l-preġudizzju morali, kaġunati lid-detentur ta' drittijiet b'dak il-ksur:

Iżda minflok il-metodu ta' stima ta' danni hawn qabel imsemmi, il-Qorti tista', meta tqis li jkun hekk adatt, tagħżel li tapplika metodu ta' stima alternattiv li jkun jinvolvi l-għoti ta' somma globali ta' danni li għandhom jitħallsu u li tkun tinkludi elementi bħalma huma, mill-inqas, l-ammont ta' *royalties* jew ħlasijiet li kienu jkunu dovuti kieku l-persuna li tkun qiegħda tikkommetti l-ksur kienet talbet li tiġi awtorizzata tuża d-dritt intellettwali in kwistjoni.

(3) Meta l-Qorti tkun tal-fehma li min ikun qiegħed jikkommetti l-ksur ma kienx qiegħed iwettaq dik l-attività ta' ksur xjentement, hija tista' tordna l-irkupru ta' profitti jew il-ħlas ta'danni, skont ma dawn jistgħu jiġu stabbiliti bil-quddiem b'regolamenti magħmulin taħt il-liġijiet rilevanti.

Ikkunsidrat;

Għalkemm dawn l-artikoli appena ċitati jipprovdu li l-awtur jista' jistitwixxi proċeduri għal danni, dawn l-istess artikoli ma jipprovdux f'kemm żmien għandha tiġi mressqa din l-azzjoni. Il-ġurisprudenza tgħallimna li f'każ li l-leġislatur f'liġi speċifika ma indikax it-terminu tal-preskrizzjoni, il-liġi applikabbli hija dik ġenerali u għalhekk huma applikabbli l-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili dwar il-preskrizzjoni.

Fost din il-ġurisprudenza wieħed isib is-sentenza fl-ismijiet **The Performing Right Limited ta' Londra, rappreżentata f'Malta mill-aġenti u mandatriċi tagħha Dingli Co. International Ltd vs. Tal-Lira 2 Limited** (Ċit Nru 1101/2012MC) mogħtija mill-Prim' Awla fit-3 ta' Diċembru 2013:

"Is-socjeta attrici tissottometti li din mhix kawza ghad-danni semplici izda wahda sui generis ghal trasgressjoni ta' drittijiet tal-awtur li tohrog mill-Kap. 415 u 488 tal-Ligijiet ta' Malta li taghti rimedju lid-danneggat ghal rimedju ta'danni sui generis.

Izzid li din l-azzjoni hi simili ghad-drittijiet li johorgu mil-Kap. 417 dwar it-trademarks u Kapitolu 416 dwar il-privattivi. Il-Kapitolu 417 fl-artikolu 48(1) u l-artikolu 88 tal-Kap. 416 ighid illi procedimenti ghal kontravvenzjonijiet ghandhom jimbdew mhux aktar tard minn hames snin mindu l-parti aggravata tkun saret taf bil-kontravvenzjoni u l-identita tal-kontravvenur. Ghalhekk b'anologija l-perjodu preskrittiv ghandu jkun ta' hames snin. Artikolu simili ma jinstabx fil-Kapitolu 415 u 488 li jitrattaw kwistjonijiet ta' protezzjoni ta' drittijiet intellettwali.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument peress illi l-preskrizzjoni hu mod eccezzjonali kif jintilef dritt ta' azzjoni hi l-ligi li ghandha tirregola dan it-terminu. Il-preskrizzjonijiet partikolari ma jistghux jigu prezunti jew jigu applikati b'analogija. Hawn si tratta ta' ligijiet specjali u fejn il-legislatur ried, ippreskriva terminu partikolari u specjali ta' preskrizzjoni. Kieku ried seta' ghamlu ghal kapijiet ta' ligi relatati ma' proprjeta industrijali u l-protezzjoni taghhom pero ghamlu biss ghal Kap. 416 u 417. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti l-attur ma jistax jimxi b'analogija meta espressament il-legislatur wera l-intenzjoni tieghu li jorbot terminu ta' azzjoni fil-Kap. 416 u 417 biss. Kwindi irid jigi applikat l-artikolu idoneju tal-ligi generali u l-uniku artikolu fil-Kapitolu 16 li hu fil-fehma tal-Qorti idoneju biex isib applikazzjoni ghal kawza ghad-danni naxxenti minn ksur ta' dritt moghti bil-ligi minghajr ebda ness anteridenti kontrattwali li jorbot l-event mad-dannu surbit, hu l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 kif eccepit mill-konvenuta.

Sabiex jiġi determinat liema terminu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli, jeħtieġ li din il-Qorti tiddetermina qabel xejn in-natura tal-mertu tal-kawża odjerna. Huwa paċifiku illi l-azzjoni li biha tiġi adita l-Qorti hi ċirkoskritta mill-premessi u mit-talbiet. Azzjoni attriċi ma tbiddlix in-natura tagħha skond l-eċċezzjonijiet sollevati fil-konfront tagħha. Eżami tal-premessi u tat-talbiet attriċi fil-kawża odjerna juru mingħajr ebda ombra ta' dubju illi l-attur qed isejjes il-kawża minnu istitwita mhux bħala kawża għad-danni fuq allegazzjoni li l-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta' xogħol ġew miksura, iżda bħala kawża għad-danni allegatament sofferti mill-attur minħabba ksur tad-drittijiet tal-awtur li l-attur jallega li jipposjedi. Ir-raba' talba attriċi ma tagħti lok għall-ebda dubju. Qed jintalab li l-Qorti "4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-hlas tad-danni ai termini tal-artikolu 43 et seq tal-Kap 415 u tal-artikolu 12 tal-Kap. 488 .............ghall-kontravvenzjoni tad-drittijiet tieghu." Dik hi l-azzjoni intavolata mill-attur kontra l-konvenuti u mhux azzjoni ibbażata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet naxxenti minn kuntratt ta' mpieg. Għalkemm fit-tmien premessa l-attur jirreferi għall-pretensjoni tiegħu illi skond il-kuntratt tal-impieg tiegħu ħadd mill-konvenuti ma kellu dritt li juża x-xogħolijiet tiegħu "...għal skopijiet 'il hinn mill-impieg ta' l-esponent mas-soċjeta' AAT Medical Limited..." imkien fit-talbiet attriċi ma hemm talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' xi obbligu kontrattwali. It-talbiet attriċi jillimitaw ruħhom dwar id-danni ai termini tal-artikolu 43 et seq tal-Kap 415 u mill-artikolu 12 tal-Kap. 488. Ma hemmx talba għad-danni minħabba ksur tal-kuntratt.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur isostni li ġaladarba hemm rabta kuntrattwali mas-soċjeta' li kienet timpjegah, allura fil-konfront tagħha t-terminu preskrittiv huwa ta' ħames snin u mhux ta' sentejn. Bid-dovut rispett tali raġunament ma hux legalment fondat. L-azzjoni attriċi hi waħda. Azzjoni msejsa bl-aktar mod ċar ai termini tal-Kap 415 u tal-Kap. 488.

Il-kuntratt ta' xogħol tal-attur jistipula dwar il-konfidenzjalita' bħala obbligu fuq l-impjegat bil-mod segwenti:

> 7.1 The Employee shall not, either during the continuance of his appointment hereunder (except in the performance of his duties) or, after the termination thereof, make use of or divulge or communicate to any person, firm employer or organization any of the trade secrets or other confidential information of the Employer [...] Algorithms, methods of operations and methods of practice and methods of implementation are considered by the employer as Trade Secrets and Confidential Information. The above is hereinafter referred to as "the Confidential Information". Should employee be found in breach of the clauses in section 7 re confidentiality, employee would be subject to the fines detailed in 7.4 [...]
>
> 7.2 The Confidential Information constitutes confidential information subject to the protection of applicable law. The Employee acknowledges that the Employer derives indispensable competitive and economic advantages from the Confidential Information, and that it is essential for the Employer's business that the Confidential Information is not divulged
>
> 7.3 The Employee acknowledges that his failure to comply with the obligation of non-disclosure of the Confidential Information would result in irreparable injury to the Employer [...][3]

Jikkonferma l-attur fl-affidavit tiegħu illi l-kuntratt ma kien jinkludi l-ebda klawżola li tirregola d-drittijiet tal-awtur. Jispjega anzi li "l-kumpaniji kienu ħarġu ittra lill-impjegati illi kien għad baqa' u kienu talbuhom ta' malajr biex jiffirmaw *addendum* għall-kuntratt ta' l-impjieg tagħhom sabiex kwalunkwe drittijiet ta' l-awtur u proprjetà intellettwali tkun tal-kumpanija u mhux ta' l-individwi"[4].

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt illi fiż-żmien rilevanti l-attur kien impjegat ma' waħda mis-soċjetajiet konvenuti ma ma jbiddilx l-azzjoni minn waħda msejsa fuq l-artikoli fuq ċitati tal-Kap. 415 u tal-Kap. 48 għal waħda dwar danni kontrattwali. Tajjeb jiġi sottolineat illi d-danni naxxenti minn dawn il-liġijiet speċjali huma aktar wiesgħa mid-danni skond il-

[3] Paġna 12 tal-proċess.
[4] Paġna 125 tal-proċess.

liġi ġenerali. Fis-sentenza **The Performing Right Society Limited ta' Londra, rappreżentata lokalment mill-aġent tagħha Dingli Co. International Ltd vs. One Productions Limited** (Ċit Nru 45/2012MC) deċiża mill-Prim' Awla fil-5 ta' Ġunju 2014 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2015 jingħad hekk:

> "............ l-premessi u talbiet attrici mhux mibnija fuq tali relazzjoni [kontrattwali] izda wahda *de iure* naxxenti minn drittijiet tal-awtur protetti mill-Ligi kontra uzu abusiv taghhom minn terzi. Id-danni allegati jinsorgu minn uzu mhux awtorizzat ta' proprjeta intellettwali ta' terzi li ghalih it-terz kif rapprezentat f'din il-kawza qed jitlob il-hlas skond il-ligi konsistenti fit-telf soffert minhabba l-infrazzjoni. Tali danni huma wkoll regolati bil-ligi in kwantu quantum (ara **The Performing Rights Society Ltd vs Tal-Lira 2 Ltd**, PA 03/12/2013).[5]

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Attard vs. Direttur Ġenerali tas-Saħħa** (Ċit Nru 908/2005) mogħtija fl-14 t'Ottubru 2010 iriteniet li "l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza V11 ta' l-1868 (illum Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra kontrattwali, jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma "ex delictu vel quasi". Meta d-danni huma "ex contractu" ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, il-preskrizzjoni hija ta' hames snin u mhux ta' sentejn (Vol. XX1X P1 p 1340)."

L-**Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16** jipprovdi li "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn." Dan l-artikolu għandu jinqara fid-dawl tal-**Artikolu 2137** li jirregola minn meta jibda għaddej il-perjodu ta' preskrizzjoni, u dan jaqra hekk: "Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss." Huwa mgħallem li sabiex wieħed ma jkunx jista' jaġixxi, l-impossibilità għandha tkun waħda indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Reuben Buhagiar vs. Joseph Fenech** (Ċit Nru 471/11JRM) mogħtija mill-Prim' Awla fis-27 t'April 2017 ġie dikjarat "Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...*" [*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* (Cap XII, §364 , paġ. 279)]. U band'oħra jżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*" [*Op. cit.* §393-*bis*, paġ 306]".

Il-Qorti tkompli tikkunsidra li

[5] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2015.

"...ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Mohnani v. Stivala****, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("****Raphel Micallef -vs-Anthony Agius****", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("****Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo****", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953") [*App. Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Estates Ltd vs Frank Borda et*** ]";

Nonostante dan, jeħtieġ li minn iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandu jipprova kif imiss li ż-żmien stabbilit mil-liġi tassew għadda[6], u "f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti"[7]. In oltre, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, iżda l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita.

Ikkunsidrat;

Mill-atti, b'mod partikolari mix-xhieda tal-marixxall Louis Bugeja mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2019, jirriżulta li Dr. Rudi Agius ippreżenta ittra uffiċċjali fid-29 ta' Diċembru 2016 kontra l-konvenuti Adrian Attard Trevisan u AAT Research Limited. Mill-kopja tal-*pink cards*[8] jidher li filwaqt li s-soċjetà AAT Research Limited ġiet notifikata fil-5 ta' Jannar 2017, l-ittra uffiċċjali mibgħuta lil Adrian Attard Trevisan baqgħet *unclaimed*. It-tentativ ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Adrian Attard Trevisan jidher li waqaf hemm u ma kien hemm l-

---

[6] Ara **Stencil Pave (Malta) Ltd vs. Dr. Maria Deguara nomine** (Ċit Nru 1656/2001) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 t'Ottubru 2001.
[7] **Reuben Buhagiar vs. Joseph Fenech** (Ċit Nru 471/11JRM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 t'April 2017.
[8] Paġna 166 tal-proċess.

ebda tentattiv ieħor ai termini tal-Artikolu 2130 tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa l-oħra mill-atti ma jirriżultax li s-soċjetà AAT Medical Limited kienet ġiet interpellata sabiex tersaq għall-ħlas ta’ danni. L-azzjoni odjerna ġiet intavolata fis-7 ta’ Diċembru 2018 kontra Adrian Attard Trevisan, AAT Research Ltd u AAT Medical Limited.

Kif fuq dikjarat din il-qorti hija tal-fehma li t-terminu applikabbli ta’ preskrizzjoni fil-konfront tal-konvenuti kollha huwa ta’ sentejn peress li l-attur iċċirkoskriva l-azzjoni tiegħu fuq l-azzjoni ai termini tal-Kap 415 u tal-Kap 488 u mhux bħala azzjoni għad-danni kontrattawali ta' bejn impjegat u min iħaddmu.

**Minn Meta Beda' Jiddekorri t-Terminu Preskrittiv**.

Jeħtieġ issa jiġi determinat minn meta jibda għaddej il-perjodu ta’ sentejn, u mill-ġurisprudenza suċċitata huwa ċar li l-perjodu ta’ preskrizzjoni jibda għaddej minn meta l-attur seta jsir jaf bid-dannu u mhux meta r-rikorrent induna bid-dannu. L-allegat dannu jiċċentra fuq l-allegazzjoni tal-attur illi waqt li l-konvenut Adrian Attard Trevisan kien qed jipprepara t-teżi tiegħu għal dottorat ikkopja b’mod estensiv mir-riċerka mħejjija mill-attur fil-kors tal-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta AAT Medical Limited.

Huwa kruċjali għar-riżoluzzjoni tal-vertenza in diżamina illi jiġi stabbilit mhux id-data ta' meta l-konvenut Attard Trevisan allegatament uża l-materjal prodott mill-attur iżda id-data meta l-attur seta' jsir jaf b'dak li allegatament seħħ. Una volta si tratta ta' teżi ppreżentata mill-konvenut ma' universita' ġewwa Milan, għandha tiġi kkunsidrata d-data tal-pubblikazzjoni tagħha bħala d-data li fiha jiskatta t-terminu preskrittiv fuq imsemmi.

Skond il-konvenut Attard Trevisan it-teżi tiegħu ġiet pubblikata fit-2 ta’ Diċembru 2015. Mill-atti ma jirriżultax li din id-data ġiet ikkontestata mill-attur. Huwa għalhekk li t-terminu ta’ sentejn skada fit-2 ta’ Diċembru 2017.

B’dawn id-dati hekk delineati, il-Qorti hija f’pożizzjoni aħjar tiddetermina jekk l-azzjoni hijiex preskritta kontra l-konvenuti kollha jew uħud minnhom fid-dawl tal-osservazzjonijiet hawn fuq magħmula. Appena huwa neċessarju jiġi sottolineat illi ittra uffiċjali mhux notifikata ma tinterrompiex il-preskrizzjoni in diżamina. "Biex issehh interruzzjoni jehtieg mhux biss li l-Ittra Ufficjali tigi prezentata qabel ma jiskadi t-terminu preskrittiv, izda li dik l-Ittra tigi notifikata lid-debitur fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni (ara artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili)" - (**Emanuel Bonello noe. Vs Robert Eminyan** - PA - Citaz nru 1318/2000TM - 09.10.2003).

Jirriżulta illi s-soċjetà konvenuta AAT Research Limited ġiet notifikata qabel skada t-terminu ta' preskrizzjoni ta' sentejn u għalhekk fil-konfront ta' din is-soċjeta' it-terminru ta' sentejn reġa beda jiddekorri mid-data tan-notifika b'dan illi l-azzjoni fil-konfront tagħha m’hijiex preskritta.

Min-naħa l-oħra iżda, ma ġiet ippreżentata l-ebda ittra uffiċċjali kontra s-soċjeta' konvenuta AAT Medical Limited, u għalhekk l-azzjoni tal-attur fil-konfront tagħha hi preskritta.

Fir-rigward ta' Adrian Attard Trevisan, filwaqt li l-ittra uffiċċjali ġiet ippreżentata fit-terminu stabbilit fil-liġi ma ġietx notifikata lill-konvenut bil-konegwenza illi anke fil-konfront ta' dan il-konvenut l-azzjoni attriċi hija preskritta. Fuq dan l-aħħar punt hemm qbil mir-rikorrent stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn f'paragrafu 8 jikkonferma li "Hawnhekk jirriżulta paċifikament illi Dr Agius ma kellu l-ebda rabta kuntrattwali ma' Adrian Attard Trevisan *in nome proprio*. Di più, Adrian Attard Trevisan ma ġiex notifikat bl-ittra uffiċċjali tad-29 ta' Diċembru, 2016 – u jirriżulta paċifikament illi il-kawża odjerna ġiet intavolata wara d-dekors ta' sentejn almenu mid-data ta' meta rriżenja mill-impieg tiegħu".

Ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu iżda ma jieqafx hawn. Jissottometti li "din il-kawża ma hijiex biss waħda fejn qed issir talba għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, imma waħda fejn hemm talba għal dikjarazzjoni illi l-intimati, jew min minnhom, ivvjolaw id-dritt ta' l-awtur ta' Dr. Rudi Agius. [...] il-kwistjoni dikjarattiva ta' jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' l-awtur jew le hija regolata mill-Kap. 425 u 488." Hawn l-attur qed jissottometti illi it-tieni talba tiegħu għal dikjarazzjoni li l-konvenuti kissru d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tiegħu ma jaqgħux taħt l-istess preskrizzjoni regolanti t-talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Waqt it-trattazzjoni orali fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2020 il-legali tal-attur jisħaq illi anke jekk it-talbiet attriċi għad-danni jiġu dikjarati preskritti, it-talba dikjaratorja li l-attur huwa s-sid tal-proprjeta' intelletwali de quo ma hiex preskritta.

Fil-fehma tal-Qorti din il-kawża ma ġietx intavolata peress li kien hemm kwistjoni dwar min hu is-sid tal-proprjeta' intelletwali iżda għaliex il-konvenut Attard Trevisan allegatament uża x-xogħol li l-attur għamel fil-kors tal-impieg tiegħu ma' u għas-soċjeta' konvenuta AAT Medical Limited u użah fit-teżi tiegħu mingħajr il-kunsens tal-attur. Fil-fatt fil-premessi imkien ma jingħad li hemm xi disgwid bejn l-attur u l-konvenuti dwar min hu s-sid tal-proprjeta' intelletwali. Il-kawża ġiet intavolata unikament għaliex l-attur skopra li l-konvenut Attard Trevisan uża fit-teżi tiegħu x-xogħol li l-attur ħoloq fil-kors tal-impieg tiegħu mas-soċjeta konvenut. It-tieni talba tar-rikorrent taqra fil-fatt hekk: "Tiddikkjara u tiddeċiedi li l-intimat Attard Trevisan, bil-kunsens u l-kompliċita tas-soċjetajiet intimati l-oħra, jew min minnhom, vvjolaw u kissru id-drittijiet ta' propjetà intellettwali tal-istess esponenti bil-pubblikazzjoni tat-teżi bl-isem "*Novel Computational Electroencephalographic Methodologies for Autism Management And Epileptic Seizure Prediction*"".

Il-ġurisprudenza lokali hija kostanti dwar meta huwa possibbli li titressaq azzjoni dikjaratorja. Fost dawn insibu l-kawża fl-ismijiet **Improved Design Limited vs. Antoine Grima** (Ċit Nru 1637/1998/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Lulju 2007:

"Illi meta wieħed jitkellem dwar azzjoni dikjaratorja, tqum minnufih il-kwestjoni tal-interess li wieħed iressaqha. Huwa stabilit [Ara App. Ċiv. 3.3.1967 fil-kawża fl-ismijiet **Giuffrida pro et noe vs Borġ Olivier et** (Kollez. Vol: LI.i.130, a fol. 170)] li m'humiex amissibbli azzjonijiet merament dikjaratorji, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss m'huwiex mitlub, imma lanqas jista' jintalab mill-Qorti. Dan il-prinċipju jintrabat mal-ħtieġa li min jiftaħ kawża jrid juri li għandu interess li m'huwiex biss wieħed ġuridiku, imma wkoll wieħed attwali u dirett [Ara, per eżempju, P.A. 20.1.1950 fil-kawża fl-ismijiet **Watson vs Sacco et** (Kollez.Vol: XXXIV.ii.453)]. Minbarra dan, azzjoni dikjaratorja ssib is-sens tagħha jekk tkun pre-ordinata għal kawża oħra li tiddependi sewwasew mis-sentenza dikjaratorja [Ara, App. Ċiv. 4.12.1944 fil-kawża fl-ismijiet **Xuereb vs Petrococchino noe et** (Kollez. Vol: XXXII.i.540)];

"Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha [App. Kumm. 2.4.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Farruġia et vs Buħaġiar** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.98)];

"Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd [Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Manche' vs Montebello** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56)], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi [P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Sammut** (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605)]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali [Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet **Cortis vs Bonello** (Kollez. Vol: XXXI.i.218)];

"Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza [App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Sammut et noe vs Attard** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246)];

"Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-Ċitazzjoni nnifisha [Ara App. Ċiv. 3.12.1984 fil-kawża fl-ismijiet **Borġ vs Caruana** (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-Ċitazzjoni, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat [Ara App. Ċiv. 12.12.1983 fil-kawża fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et**];

"Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv [P.A. 13.10.1952 fil-kawża fl-ismijiet **Axiaq vs Mizzi noe et** (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532)], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku [App. Ċiv. 15.12.1932 fil-kawża fl-ismijiet **Scolaro vs Bailey** (Kollez. Vol: XXVII.ii.195)];

"Illi jaqgħu taħt skrutinju tal-Qrati wkoll dawk l-azzjonijiet li, għalkemm imsejsin fuq jedd tal-attur, ikunu maħsuba esklussivament biex jagħmlu ħsara lill-imħarrek mingħajr ma jagħtu l-ebda vantaġġ utli lill-attur, għajr is-"sudisfazzjon" li jkun qagħbar lill-istess imħarrek. Dawn l-azzjonijiet huma magħrufa fid-duttrina bħala *acta ad aemulationem*. F'każijiet bħal dawn, id-duttrina tqis li azzjonijiet ta' din l-għamla huma saħansitra illegali u jonqos fihom l-interess ġuridiku meħtieġ [Cfr. Said Pullicino "The Civil Action with Special Reference to the Element of Interest", (Teżi LL.D., 1961), paġġ. 56-8 u 89-91].

Kif jirriżulta ben tajjeb minn din is-silta, wieħed mill-elementi li jeħtieġ li jintwera mir-rikorrenti huwa li bil-kisba ta' dikjarazzjoni huwa jista' jipproċedi b'azzjoni ulterjuri imsejsa fuq dik id-dikjarazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Edrichton Estates Ltd vs. Munro Philips and Co Ltd et** (Ċit Nru 878/2000/1) mogħtija fil-31 t'Ottubru 2007 mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) intqal:

"Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll illi l-azzjoni attrici hi ghal kollox vessatorja stante li qed titlob biss sentenza dikjaratorja li mhix sostenibbli fil-ligi. Illi ghal kuntrarju ta' dak li qed issostni s-socjeta` konvenuta, m'hemm xejn fil-ligi li jipprekludi milli parti tipprezenta citazzjoni fejn titlob dikjarazzjoni min-naha tal-Qorti u din il-Qorti taqbel ma' l-istess u taghmel riferenza ghas-sentenza **"Joseph Grech vs Ludgarda Grech"** (A.C. 11 ta' Jannar 1989 – Vol. LXXIII.i. 247 fejn inghad li m'humiex vjetati domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni, purche` dawn ikunu preordinati ghal domanda definitiva u finali, anke jekk din tkun ghada ma gietx dedotta f'gudizzju dejjem jekk il-Qorti tkun perswaza li l-parti ghandha nteress li titlob dik id-dikjarazzjoni u li dik id-dikjarazzjoni hekk mitluba tkun tista' tifforma l-bazi ta' kawza ohra li tkun tista' ssir fil-futur, b'dan li l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma jrid ikun konkret u jrid jissussti fil-konfront tal-konvenut li jkun l-legittimu kontradittur. Ta' l-istess portata hija d-decizjoni **"Helen Zammit Psaila vs Luqa Ellul"** (P.A. (JCC) 23 ta' Jannar 1956 – Vol. C. XLIA.ii.1956.[9]

Sabiex jiġġustifika l-ħtieġa ta' din id-dikjarazzjoni, ir-rikorrent jispjega fin-nota ta' sottomissjonijiet li huwa "għandu kull jedd illi jenforza d-drittijiet ta' l-awtur spettanti lilu, bir-restrizzjoni se mai illi ma jiġux likwidati danni illi jaqgħu lil hinn mill-perjodu preskrittiv ta' sentejn mqajjem mill-intimati". Il-Qorti ma taqbilx ma tali sottomissjoni.

[9] Enfasi miżjud.

L-ewwelnett sentenza f'kawża simili ma hiex *erga omnes* imma tagħmel stat unikament bejn il-partijiet fil-kawża.

Fit-tieni lok mhux minnu li din il-kawża ġiet intavolata sabiex jiġi deċiż li l-attur hu sid il-proprjeta' intelletwali de quo. Imkien fil-premessi ma hemm dikjarat li jeżisti xi disgwid f'dan ir-rigward. Il-fatt li fir-risposta ġuramentata tagħha l-imsemmija soċjeta' konvenuta tallega li hi għandha dritt tuża dawn ix-xogħlijiet ma jvarja xejn min-natura tal-azzjoni intavolata mill-attur. L-azzjoni odjerna hija azzjoni għad-danni u mhux azzjoni dikjaratorja pre-ordinata għal kawża oħra futura. L-ewwel talba hija intrinsikament marbuta mat-talbiet attriċi l-oħra kollha. Hija azzjoni waħda, azzjoni għad-danni.

Għalhekk fejn il-Qorti qed tiddeċiedi li l-azzjoni hi preskritta fil-konfront ta' whud mill-konvenuti qed tiddeċiedi fir-rigward tat-talbiet attriċi kollha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Adrian Attard Trevisan u l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti kif ġej:

1. Tilqa' it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Adrian Attard Trevisan in kwantu l-azzjoni diretta fil-konfront tiegħu, tiddikjara illi l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-konvenut Adrian Attard Trevisan hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tilqa' parzjalment l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti billi tiċħadha in kwantu l-azzjoni attriċi hija diretta kontra s-soċjeta' konvenuta AAT Research Limited u tilqagħha in kwantu diretta kontra s-soċjeta' konvenuta AAT Medical Limited; tiddikjara l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta AAT Medical Limited bħala preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. Tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta AAT Research Limited.

Bl-ispejjeż in kwantu għal żewġ terzi (2/3) a karigu tal-attur u in kwantu għal terz (1/3) a karigu tas-soċjeta' konvenuta AAT Research Limited.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**